MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2006

Appell Kriminali Numru. 37/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Joseph Mercieca)**

**Vs**
Matthew Portelli

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli f'dawn f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żmenijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:**

**1. fil-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Jannar, 2006, minn safe tal-pompi awtomatiċi ġewwa Skan Service Station fi Triq il-Kanun, Santa Venera, flimkien ma'**

**persuna oħra mhux magħrufa, kkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq hu aggravat bil-mezz ai termini ta' l-artikolu 263 (a) tal-Kap. 9, bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira Maltin u bil-ħin ai termini ta' l-artikolu 270 tal-Kap. 9;**

**2. fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Jannar, 2006, minn safe tal-pompi awtomatiċi ġewwa Didi Auto Service Station fi Triq il-Wied, B'Kara, flimkien ma' persuna oħra mhux magħrufa, kkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq hu aggravat bil-mezz ai termini ta' l-artikolu 263 (a) tal-Kap. 9, bil-valur li jeċċedi l-elf lira Maltin u bil-ħin ai termini ta' l-artikolu 270 tal-Kap. 9;**

**3. fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Jannar, 2006, minn safe tal-pompi awtomatiċi ġewwa Nabela Petrol Station f'Labour Avenue, Naxxar flimkien ma' persuna oħra mhux magħrufa, kkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq hu aggravat bil-mezz ai termini ta' l-artikolu 263 (a) tal-Kap. 9, bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira Maltin u bil-ħin ai termini ta' l-artikolu 270 tal-Kap. 9;**

**4. fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Jannar, 2006, minn safe tal-pompi awtomatiċi ġewwa Paul and Rocco Petrol Station fi Triq is-Salib, Marsa, Marsa, flimkien ma' persuna oħra mhux magħrufa, kkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq hu aggravat bil-mezz ai termini ta' l-artikolu 263 (a) tal-Kap. 9, bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira Maltin u bil-ħin ai termini ta' l-artikolu 270 tal-Kap. 9;**

**5. fl-24 ta' Jannar, 2006 għall-ħabta tat-8 p.m. u/jew matul dawn l-aħħar jiem, f'dawn il-gżejjer, laqa' għandu ħwejjeġ misruqa ai termini ta' l-artikolu 334 tal-Kap. 9;**

**6. fl-imsemmija dati, ħinijiet, postijiet u ċirkostanzi kiser il-provvediment ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta li kien ġie mpost fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata 14 ta' Novembru, 2005, liema sentenza saret definittiva.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Frar, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 17(b), 18, 20, 261(b)(c)(f), 263 (a), 264, 267, 270, 278(3) tal-Kap. 9, u l-artikolu 23 tal-Kap. 446, sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih barra tal-hames imputazzjoni li hija alternattiva, w ikkundannatu ghall-perjodu ta’ 19-il xahar prigunerija ( u hawn hija kompriza wkoll is-sitt imputazzjoni bl-effett tal-artikolu 17(b) tal-Kap. 9) li ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-appellant ghamel taht arrest preventiv.
Il-Qorti ordnat ukoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap. 9, kopja ta’ din is-sentenza u l-atti kollha ta’ dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-23 ta’ Frar, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu, izda tirriforma s-sentenza limitatament ghall-piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

**Rat illi l-aggravvju tal-appellant huwa limitat ghall-piena erogata mill-Ewwel Qorti w jikkonsisti fis-segwenti. Veru li l-appellant ammetta l-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu w ghalhekk hu jrid joqghod ghall-kwalunkwe piena li l-Qorti jidhrilha xierqa, pero l-Ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni certi aspetti. Fosthom li ghalkemm huwa minnu li l-appellant kien inghata sentenza ohra fl-14 ta’ Novembru, 2005, fejn il-Qorti taghtu *probation order* u fiz-zmien operattiv ta’ dan l-ordni hu ikkommetta r-reati mertu ta’ din il-kawza, izda peress li l-*probation officer* ma kellhiex zmien bizzejjed biex l-appellant jigi stradat fuq it-triq it-tajba, hu rega’ kkommetta delitti ohra. Illi l-appellant kien influwenzat minn Carmel Hadley li kien inghata sentenza sospiza fuq l-istess akkuzi w l-appellant mhux ta’ karattru b’ sahhtu li jista’ jirrezisti w mhux matur bir-rizultat li ghandu bzonn gwida kontinwa. Ghalhekk l-Ewwel Qorti**

**setghet taghti estensjoni tal-*probation order* kif provdut fl-artikolu 16 u 23 tal-Kap.446 jew tat sentenza alternattiva minn dik ta' prigunerija. Ghalhekk is-sentenza ta' 19 il-xahar prigunerija ma kientx ekwa w gusta u lanqas fl-interess tal-gustizzja ghaliex tista' taghmel aktar hsara milli gid.**

**Semghet it-trattazzjoni w s-sottomissjoni tal-abbli avukat tal-prosekuzzjoni, Dottor Stephen Tonna Lowell li issottometta li dan l-appell kien jirrazenta l-fieragh ghax l-Ewwel Qorti kienet elenkat l-aspetti kollha pozittivi u negattivi fis-sentenza appellata meta giet biex taghti l-piena li f' kull kaz kienet wahda kwazi miti.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi dan hu appell limitat ghall-piena. Il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999] ,** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" **[24.4.2003] ;** "Il-Pulizija vs. Keith Rizzo" **[4.9.2003] u bosta sentenzi ohrajn.)**

**F'dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi.**

**Illi din il-Qorti ma ssib xejn x' ticcensura fis-sentenza appellata, ghaliex, kif issottometta l-abbli prosekutur, l-Ewwel Qorti elenkat il-fatturi pozittivi w dawk negattivi meta giet biex teroga l-piena. Fattur determinanti fil-fehma ta' din il-Qorti kien il-fatt li appena xaharejn wara li l-appellant kien tpogga taht *probation*, wara li kien instab hati ta' serq, hu rega' mar w ikkometta sensiela ta' erba serqiet ohra, agir li**

**juri li hu ma tghallem xejn mill-fatt li fl-ewwel kaz il-Qorti kienet taghtu l-opportunita' li jirriforma ruhu w hu din l-opportunita' uzaha biss biex ikompli bil-hajja refrattarja tieghu. Ghalhekk l-appellant ma jimmeritax li jerga' jigi fdat u mhux il-kaz li t-teminu tal-*probation order* tieghu jigi estiz, kif qed jitlob. Lanqas hu l-kaz li tinghata sentenza sospiza fil-fehma ta' din il-Qorti w certament mhux il-kaz li l-Qorti tinzel taht il-minimu billi taghti xi piena pekunjarja, ghax din tkun biss inkoraggiment biex hu jerga' jmur jisraq halli jhallas il-multa.**

**Illi din il-Qorti ma tistax tiehu bis-serjeta' s-sottomissjoni tal-appellant li hu rega' mar jisraq ghax kien ghadu ma bediex jahdem fuqu l-effett tal-probation order. Dan l-argument hu stirakkjat ghall-ahhar u jixbah il-kaz ta' dak il-marid li jinghata kura ghall-marda serja kontaggjuza w, ghax il-medicini preskritti ma jkunux ghadhom bdew ihallu effett pozittiv fuq sahhtu, jerga' jmur jiccappas bl-istess sors ta' kontagju jew infezzjoni.**

**Ghalhekk ladarba il-piena tal-prigunerija erogata kienet gustifikata w hi wahda fil-parametri tal-ligi w addirittura wahda pjuttost miti, din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti.**

**Ghalhekk l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------